**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 170/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Keith Xerri)***

vs

**Peter Paul Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Peter Paul Azzopardi**, iben Joseph u Mary nee Borg, imwieled nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 1949 ġewwa n-Nadur Għawdex u residenti ġewwa l-fond "Azzopardi", Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 86449(G) talli nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru 2023, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (18.30hrs) ġewwa l-fond "Azzopardi", Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Għawdex:

(1) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Carmel Raimondo Cassar;[1]

(2) bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Carmel Raimondo Cassar biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu.[2]

(3) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;[3]

(4) ħebb għal Carmel Raimondo Cassar u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat mit-tabib Dr.Jesmond Cassar MD Reg.1906.[4]

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Carmel Raimondo Cassar skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9.
[2] Artikolu 251B (1) tal-Kap 9.
[3] Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9.
[4] Artikolu 221(1) tal-Kap 9.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tat-tmienja neqsin ħdax-il minuta ta' filgħaxija (19:49hrs), il-kwerelant Carmel Raimondo Cassar irrapporta ġewwa l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat Għawdex li ftit tal-ħin aktar qabel kien safa aggredit u mhedded mill-akkużat Peter Paul Azzopardi, li jiġi r-raġel ta' oħtu. Il-kwerelant spjega li huwa kien mar ġewwa l-garaxx tar-residenza tal-akkużat u dan sabiex jagħti xi karti lin-neputi tiegħu Shaun Pete Azzopardi. Dan peress li minn dan il-garaxx Shaun Pete Azzopardi għandu ħanut minn fejn ibiegħ l-affarijiet relatati maż-żwiemel. Hekk kif il-kwerelant wasal fil-garaxx u sejjaħ lil Shaun Pete Azzopardi, tfaċċa l-akkużat u beda jgħajjar lill-kwerelant ħalliel u isaqsieh fejn kien għamilhom il-flus. Il-kwerelant kompla jgħid lill-Pulizija li biex ma tikbirx l-affari huwa beda ħiereġ 'l barra filwaqt li Shaun Pete Azzopardi (Iben l-akkużat) mar iżomm lil missieru. F'dan il-punt Carmel Cassar sostna li l-akkużat tefa' sett ċwievet li kellu f'idejh u laqat lil Cassar fi xbinu tal-lemin filwaqt li indirizza kliem ta' theddid fil-konfront tal-istess Cassar. Cassar soffra xi feriti u telaq minn fuq il-post. Huwa mar il-poliklinika tar-Rabat, Għawdex sabiex jiġi imdewwi. Huwa ġie ċertifikat li kien qed isoffri minn ġrieħi ħfief.

Aktar tard il-Pulizija kellmet lil Peter Paul Azzopardi wara li dan ingħata d-drittijiet legali tiegħu u huwa irrinunzja għall-istess. Azzopardi ammetta li kien indirizza l-kelma "ħalliel" fil-konfront ta' Cassar iżda ċaħad li kien tefagħlu xi ċwievet jew li inkella kien qallu xi diskors li kien se jtajjarhielu.

- **<u>L-Ewwel Akkuża - Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9</u>**

Fl-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tinsisti li l-akkużat insulenta, hedded jew inġurja bi kliem lill-kwerelant bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9. B'riferenza għal dan ir-reat kontravvenzjonali, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs Joseph Frendo</u>*** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Lulju 1994, irrimarkat li:

> *"theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' ohra fil-Kodici, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent."*

In sostenn tal-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni ressqet biss lill-kwerelant bħala xhud, għaliex il-persuni li kienu preżenti għall-akkadut u cioe Shaun Pete Azzopardi kif wkoll Tiberia Farruġia għażlu li ma jagħtux ix-xhieda tagħhom. Shaun Pete Azzopardi għażel li ma jixhidx kontra l-akkużat peress li huwa missieru filwaqt li Tiberia Farrugia hija l-partner tal-istess Shaun Pete Azzopardi u wriet ix-xewqa li hija ma tixhidx kontra missier il-partner tagħha.

Il-Qorti hija konvinta li l-akkużat hedded u insulenta lill-parte civile. Cassar, kemm fil-mument li huwa għamel ir-rapport lill-Pulizija kif wkoll waqt li kien qed jixhed quddiem il-Qorti, spjega kif l-akkużat għajru *"ħalliel"* u anke qallu kliem fis-sens li

kien se jtajjarhielu (b'riferenza ovvja għall-ħajtu). Cassar indika wkoll li waqt li kien qed iseħħ l-inċident, l-akkiużat kien anke beda jfittex xi ħaġa biex jipprova jmur għalih biha, liema ħaġa waqt id-deposizzjoni tiegħu l-parte civile jidentifika bħala stanga. Filwaqt li m'hemmx dubju li l-kelma "ħalliel" tikklassifika bħala insult, il-kliem li l-akkużat kien se jtajjarha lill-parte civile jimplika li l-akkużat kien qed jipprospetta ħsara lill-parte civile, ħsara diretta lejn ħajjet l-istess Cassar. Dan il-kliem li intuża żgur li fiċ-ċirkostanzi li fih intqal ma setax jinftiehem b'xi mod ieħor. Jiġi senjalat wkoll li l-fatt li l-akkużat għajjar lill-parte civile "ħalliel" ġie ammess mill-istess akkużat meta huwa ta l-verżjoni tiegħu tal-akkadut lill-Pulizija.

Din il-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn għandha tiddubita l-verżjoni mogħtija mill-parte civile. Il-parte civile kien konsistenti dwar kif seħħ l-inċident: u dan sia meta huwa għamel ir-rapport inizjali tiegħu u anke meta ġie biex jixhed quddiem din il-Qorti kif wkoll waqt li kien qed isirlu l-kontro-eżami. Għalkemm Cassar kien l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni fuq l-akkadut, b'daqshekk biss ma jfissirx li l-verżjoni tiegħu m'għandhiex tingħata kredibbilita. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***__Il-Pulizija v Jean Paul Chetcuti__***[5]:

> *"Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta'*

[5] Deċiża fit-30.09.2021 per l-Onor Imħallef Aaron Bugeja , QK

*prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss."*[6]

Din l-ewwel akkuża għalhekk tirriżulta u l-Qorti sejra ssib ħtija għal din l-ewwel akkuża.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 251B tal-Kap. 9</u>**

Jibda biex jingħad li element fundamentali għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-artikolu 251B huwa li jrid jkun hemm *"a course of conduct"* da parti tal-

[6] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-**Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'din id-disposizzjoni tal-liġi.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct.*"[7]

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: "*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct.*"

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> "*How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could*

[7] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

*constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

B'rabta ma' din l-akkuża, ta' min jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**,[8] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li dan il-każ jitratta incident ta' darba: dan joħroġ kemm mir-rapport oriġinali ta' Carmel Raimondo Cassar u anke mix-xhieda li ta Cassar quddiem din il-Qorti. Kien inċident li ma damx sejjer aktar minn ftit minuti. Anke l-akkuża kif inhi formulata tindika li l-akkużi qed jirreferu għal incident ta' darba. Għalkemm il-parte civile fix-xhieda tiegħu jindika li kien hemm inċidenti oħra, ma tax dettalji dwar dawn l-inċidenti u x-xhieda tiegħu kienet iffokkata unikament u tista' tgħid esklussivament fuq dak li seħħ fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru 2023. Għalhekk il-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża għax l-element tal-*course of conduct* huwa nieqes. Il-Qorti għalhekk sejra tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

[8] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9</u>**

It-tielet akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs. Maria Concetta Green</u>***[9] ġiet ritenut li:

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuż jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."*

Id-difiża tipprova targumenta li l-allegat inċident seħħ fi propjeta privata u allura din l-akkuża ma tistax tirriżulta. Mill-provi ħareġ li l-inċident seħħ fid-drive way jew

[9] Kif ċitata **f'Pulizija v Ian Spiteri** deċiża fit-22.06.2023 per l-Onor Imħallef Aaron Bugeja , QK.

rampa li mit-triq prinċipali twassal għall-entrata tal-garaxx li jifforma parti mir-residenza tal-akkużat. In kontro-eżami l-parte civile jgħid li l-inċident beda x'ħin hu kien fil-bieb garaxx. L-akkużat niżel bil-mixi tul din ir-rampa, beda l-inċident u kompla għaddej anke x'ħin il-parte civile kien tiela' r-rampa. Mill-istess xhieda tal-parte civile ma rriżultax li din ir-rampa hija imsaqqfa jew b'xi mod magħluqa. Għalkemm possibilment ir-rampa tista' tkun propjeta privata, il-lok fejn seħħ l-inċident kien **<u>lok espost għall-pubbliku</u>**. Infatti l-lok fejn seħħ l-inċident kien faċilment viżibbli għan-nies li setgħu kienu għaddejjin mit-triq. Ma rriżultax li kien hemm xi affarijiet li ma kinux jippermettu viżwali min-naħa tat-triq għal post fejn seħħ l-inċident. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li d-difiża għandha raġun fl-argument tagħha li l-inċident ma seħħx f'lok pubbliku; il-lok fejn seħħ l-inċident għandu jitqies parti mill-ambitu pubbliku, aktar u aktar meta jidher li l-post fejn seħħ l-istess inċident kien il-passaġġ li jwassal għall-ħanut li kien miftuħ għall-klijenti fil-ħin li seħħ l-inċident. Infatti il-parte civile jispjega kif il-bieb tal-garaxx kien miftuħ u kien hemm anke Tiberia Farrugia fuq il-counter.

L-aġir tal-akkużat kien tali li nissel tħassib f'moħħ persuni oħra dwar l-inkoluminita fiżika ta' persuni oħra, f'dan il-każ tal-parte civile. Infatti l-istess Shaun Pete Azzopardi ħass il-bżonn li huwa jżomm lil missieru biex l-affari ma tkomplix teskala. Il-parte civile in kontro-eżami jirrileva li: *"kien qed iżommu Sean Pete, għax kielu ma nafx x'kien ħa jiġri kieku ma żammux Sean Pete."*[10]

Kif ingħad din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mix-xhieda mogħtija mill-parte civile. Din l-akkuża għalhekk tirriżulta ippruvata.

---

[10] Fol. 25 tal-proċess.

- **Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 221(1) tal-Kap. 9**

F'din l-akkuża, Azzopardi qiegħed jiġi akkużat li huwa ħebb u ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-parte civile. Huwa ċar għall-Qorti li din l-akkuża ġiet wkoll ampjament ippruvata. M'hemmx dubju li l-feriti fuq il-persuna ta' Carmel Cassar ġew kaġunati ad istanza tal-akkużat u dan billi l-akkużat tefa' xi ċwievet fid-direzzjoni tal-parte civile u laqtu. Kif ġia ingħad il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddubita l-kredibbilita tal-parte civile dwar kif effettivament seħħ l-inċident. L-entita tal-feriti li soffra l-parte civile ġew debitament konfermati permezz taċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Jesmond Cassar, liema ċertifikat mediku ġie anke konfermat bil-ġurament mill-istess Tabib.

Il-parte civile fis-sottomissjonijiet finali targumenta li għandu japplika l-aggravvju 221(2) tal-Kap. 9 u ċioe li meta l-offiża issir b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin. Apparti l-fatt li dan l-aggravju mhux indikat fl-istess akkuża, il-Qorti għandha dubji kemm jista' jingħad li ċwievet jistgħu jiġu klassifikati bħala xi arma regolari jew inkella strument li jaqta' jew iniggeż. Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk m'hemmx lok li jiġi applikat dan l-aggravju.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

**(a)** **<u>mhux qed issib lill-akkużat ħati tat-tieni (2)</u>** akkuża u qiegħda tilliberah minnha;

**(b)** wara li rat l-artikoli 17, 221(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4)</u>** akkuża u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' erba' mitt ewro (€ 400).

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Carmel Raimondo Cassar kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' sitt mitt ewro (€ 600).

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur